MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 3391/1996/2

***John Giordmaina et.***
***Vs***
***Joseph Pace et.***

Illum 16 ta' Jannar 2003

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur fl-04 ta' Dicembru, 1996, li in forza taghha, wara li ppremetta illi l-konvenuti huma debituri tal-attur fis-somma komplessiva ta' LM 70,000 (sebghin elf lira Maltin) liema ammont jirrapresenta import ta' kambjala debitament iffirmata u accettata mill-istess konvenuti fis-16 ta' Dicembru, 1994 liema kambjala skadiet fis-16 ta' Gunju, 1996 u kopja ta' liema hija hawn annessa Dokument A;

Ippremetta illi b’ittra tal-konsulent legali tieghu tat-12 ta’ Novembru, 1996 (kopja annessa Dokument B) l-konvenuti gew mitluba jhallsu l-import tal-istess kambjala;
Ippremetta illi d-debitu huwa wiehed cert, likwidu u skadut u hija applikabbli c-citazzjoni sommarja bid-dispens mis-smiegh u dana skond l-artikolu 167 et seq tal-kapitolu 12 tal-ligijiet ta’ Malta u l-istess konvenuti m’ghandhomx ebda eccezzjoni valida x’jissolevaw ghat-talba attrici.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:

1. taqta’ u tiddeciedi dina l-kawza ai termini tal-artikolu 167 et seq tal-kapitolu 12 tal-ligijiet ta’ Malta u cioe` bid-dispensa tas-smiegh;
2. tikkundannahom ihallsu lill-attur is-somma ta’ LM 70,000 (sebghin elf lira Maltin) import ta’ kambjala iffirmata u accettata mill-istess konvenuti fis-16 ta’ Dicembru, 1994 liema kambjala skadiet fis-16 ta’ Gunju, 1996;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra tat-12 t’April, 1996 u bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza tal-kambjala sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tas-06 ta’ Jannar, 1997, li in forza taghha din il-Qorti tat lill-konvenuti ghoxrin (20) gurnata biex jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha ecepew illi l-ewwel u qabel kollox l-attur naqas li jiddepozita fil-Qorti il-kopja originali tal-kambjala, kif rikjesta mill-ligi u ghandu jaghmel dan a spejjez tieghu permezz ta’ nota.

1. in-nullita tac-citazzjoni stante illi ma gietx istitwita wkoll mill-mara tal-attur;
2. in-nullita tal-kambjala in kwistjoni stante li ma gietx iffirmata la mill-attur u lanqas mill-mara tieghu kif mitlub mill-ligi;
3. minghajr prejudizju ghal dak li ntqal fuq, in-nullita tal-kambjala in kwistjoni stante li din saret biex tahbi

kuntratt ta' self fejn l-interessi mitluba huma iktar min dak permess mill-ligi;
4. l-inapplikabilita tal-artikolu 198 tal-Kodici Kummercjali peress li l-ligi li tipprojbixxi l-uzura tikkostitwixxi regola ta' Ordni Pubbliku.
5. Illi s-somma mislufa kif ukoll l-interessi legali fuq l-istess thallsu u dan kif jidher car mic-cheques msarfa.
6. Illi ghal dawn ir-ragunijiet is-somma vantata mill-attur m'hijiex dovuta u ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-21 ta' April, 1997, li bih awtorizzat korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens li awtorizzat li tizdied l-isem ta' Louise Giordmaina, bhala mart l-attur, u b'hekk iddiremiet it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Frar, 1999, li in forza taghha cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u laqghet it-tieni talba attrici bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti;

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tad-19 ta' Gunju, 2001, li biha irrevokat u annullat is-sentenza moghtija minn dina l-Qorti; u ordnat li l-atti tal-kawza jigu mibghuta lil din il-Qorti sabiex wara li din tkompli tisma l-kawza fid-dawl tal-osservazzjonijiet maghmula fis-sentenza tghaddi ghad-decizjoni taghha skond il-ligi; l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, b'dan, pero, li d-dritt tar-Registru kellu jigi sapportat mill-atturi appellati.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-14 ta' Dicembru, 2001, fejn l-attur gie awtorizzat jirtira l-kambjala – liema kambjala giet presentata dak inhar stess mill-istess attur wara li giet debitament iffirmata minnu.

Rat it-talba tal-konvenuti verbalizzata fl-udjenza tal-25 ta' Ottubru, 2002, biex il-kamjala meritu tal-kawza, la darba giet alterata mill-istat originali fi fiha kienet originarjament esebita, tigi sfilzata.

Rat l-opposizzjoni tal-attur verbalizzata fl-istess udjenza;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur qed jitlob il-hlas tas-somma ta` LM 70,000 (sebghin elf lira Maltin) rappresentanti l-import ta' kambjala mahruga fis-16 ta' Dicembru, 1994; il-hlas kellu jsir fis-16 ta' Gunju, 1996, izda peress li allegatament dan il-pagament ma sarx, l-attur qed jitlob li l-konvenuti, bhala firmatarji tal-istess kambjala, jigu kkundannati jhallsu is-somma hemm indikata ta' LM 70,000 (sebghin elf lira Maltin).

L-ewwel kwistjoni mqanqla u dibattuta tirreferi ghall-validita` tal-kambjala u dan peress illi fil-waqt li l-kambjala kienet minn dejjem iffirmata mill-konvenuti bhala debituri, ma kienitx, meta nfethet din il-kawza, iffirmata mill-atturi bhala kredituri. Jirrizulta, pero`, li fil-mori tal-kawza, l-atturi talbu u nghataw il-permess li jirtiraw il-kambjala, u wara li din giet minnhom iffirmata, regghet giet esebita dakinhar stess li kienet giet irtirata.

Il-konvenuti jallegaw li mhux permezz minn parti li taltera document esebit fl-atti u kwindi, la darba dak id-dokument gie alterat, ghandu jigu sfilzat. L-atturi qed jallegaw li dak li ghamlu ghamluh bil-permess ta' din il-Qorti, u m'hemm xejn irregolari li parti "tikompleta" document esebit, la darba dak isir mhux wara dahar il-Qorti u l-kontroparti.

Din il-Qorti tibda biex tinnota li in principju ma jistax jinghad li huwa assolutament projbit li tigi alterata xi skrittura jew dokument li jkunu jifformaw parti mill-atti ta' process ta' kawza, u dan diment li din l-alterazzjoni ma ssirx bil-habi, u ssir bil-permess preventiv tal-Qorti, liema permess jista jinghata minghajr pregjudizzju ghas-sottomissjonijiet tal-partijiet l-ohra fil-kawza fir-rigward. L-ghoti tal-permess b'dan il-mod, fi kliem iehor, ma jkunx ifisser li l-Qorti tkun qed taccetta l-effett tal-alterazzjoni, izda tkun dejjem qed tirriserva l-posizzjoni tal-parti l-ohra u taghha dwar l-effett ta' dik il-bidla fuq id-dokument u l-meritu tal-kaz. Il-permess ikun inghata preventivament biex jigi evitat li tinghata decizjoni parzjali dwar il-possibilita` o meno tal-alterazzjoni, biex b'hekk meta l-Qorti tigi biex taghti s-sentenza definitiva taghha, ikollha quddiemha l-oppzjonijiet kollha. Ovvjament, mhux eskluz li l-Qorti tiddeciedi li tiddetermina mill-ewwel il-possibilita` o meno tal-alterazzjoni mitluba, u dan b'decizjoni li tolqot direttament il-kwistjoni. Dak jidher li ghamlet din il-Qorti fil-kawza "Mediarco Limited vs Ack Limited et", meta b'sentenza elaborata li tat fil-05 ta' Frar, 1999, awtorizzat alterazzjini fil-kambjala meritu ta' dik il-kawza u dana ghar-ragunijiet esposti fl-istess decizjoni.

F'dan il-kaz, din il-Qorti tidher li ma adottatx din il-linja, izda minflok ippermettiet l-irtirar tal-kambjala – bil-hsieb li l-atturi jirregolaw ruhhom – u rriservat il-posizzjoni taghha wara li l-kambjala terga tigi esebita.

Ghalkemm dan il-hsieb ma jirrizultax registrat, hu ovvju li dak li sehh fl-udjenza tal-14 ta' Dicembru 2001, kien immirat lejn dan il-ghan. L-atturi talbu li jirtiraw il-kambjala u dan ghamluh wara li, ovvjament spejgaw il-hsieb taghhom lill-Qorti (ebda talba ma tista tigi kunsiderata jekk ma tkunx motivata). Il-Qorti, wara li semghet lill-avukat tal-atturi, laqghet it-talba, u l-kambjala giet, fil-fatt irtirata waqt is-seduta. Dak il-hin stess, l-atturi iddikjaraw li m'ghandhomx provi ohra, salv li jergghu jesebixxu l-kambjala. Il-hsieb kien car, u fil-waqt li l-Qorti accettat li jsir dak li talbu l-atturi, bl-ebda mod ma ikkomettiet ruhha dwar il-validita` u l-effett legali ta' dak li kien bihsiebhom jaghmlu l-atturi. Il-Qorti ma riedetx tippregudika l-

posizzjoni tal-konvenuti u l-materja baqghet miftuha ghad-deliberazzjoni.

Fid-dawl ta’ dan, jidher car li m’hemmx lok li l-kambjala tigi sfilzata kif talbu l-konvenuti fl-udjenza tal-25 ta’ Ottubru, 2002, u dana ghax jekk il-bidla setghetx issir f’dak l-istadju u l-effetti ta’ dik il-bidla baqghu inpregudikati. It-talba, ghalhekk, ghall-isfilz tal-kambjala qed tigi michuda.

Il-Qorti, issa, sejjra tghaddi biex tikkunsidra jekk, f’cirkustanzi simili, il-kreditur jistax “ibiddel” il-kambjala, li fuqha hi bazata l-kawza, billi zzid il-firma tieghu fuq l-istess. Din il-Qorti ezaminat is-sentenza li tat din il-Qorti, diversament presjeduta, fil-kawza gia kwotata fl-ismijiet “Mediarco Ltd. vs Ack Ltd et”, u ssib li taqbel mar-ragunament ta’ dik id-decizjoni. Ghalkemm kien hemm perjodu meta d-duttrina ta’ *ius superveniens* kienet applikata restrettivament u kien jinghad li dak li hu null *‘ab initio’* ma setghax jigi sanat b’dak li sehh wara (ara, per ezempju, “Cassar vs Land Valuation Officer et” deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta’ Marzu, 1984), dan l-ahhar din id-duttrina giet applikata f’sitwazzjonijiet aktar wiesgha u intqal fil-kawza “Laferla vs Falzon et”, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-07 ta’ Ottubru, 1988, li d-duttrina ta’ *tus superveniens* ghandha tigi applikata f’kull kaz li l-bazi tal-azzjoni tinwera ruha fil-mori tal-kawza, u mhux necessarjament meta t-talba tkun soggetta ghal xi kundizzjoni li tavvera ruhha fil-mori. Dan il-principju gie applikat ukoll mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza “Clarke et vs Griscti noe et” fis-sentenza taghha tat-22 ta’ Marzu, 1990, avvolja il-*ius superveniens* kien jehtieg f’dak il-kaz l-intervent ta’ parti fil-kawza, billi ssir l-applikazzjoni ghall-permess tal-Ministeru tal-Finanzi biex barrani jkun jista’ jixtri proprieta’ immobiljari hawn Malta. Il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghad-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza “Bonanno vs Bonanno et”, deciza fid-29 ta’ Jannar, 1997, fejn gie osservat li l-eccezzjoni ta’ nullita` m’ghandiex tkun accettata meta hu possibli rimedju jew meta s-sitwazzjoni tista tigi rimedjata bid-duttrina ta’ *ius superveniens.*

F'dan il-kaz, l-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq kambjala li, qed jigi allegat, hi nulla ghax tonqos il-firma tieghu fuq l-istess kambjala; biex jevita n-nullita` l-attur qabad u iffirma l-kambjala fil-mori tal-kawza. Din il-Qorti ma tara xejn hazin f'dan kollu. Jekk hemm htiega ta' tali firma bhala prova li l-kreditur accetta dik l-obbligazzjoni, din mhux mehtieg li ssir necessarjament dak il-hin li saret il-weghda mid-debitur. Fejn hu mehtieg li kreditur jaccetta obbligazzjoni bil-kitba, din trid issir fuq l-istess document tal-obbligazzjoni izda mhux necessarjament kontestwalment (ara "Vella vs Cassar" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-24 ta' April, 1967). Jekk hu permess li document jigi kompletat fi stadji, m'hemm ebda raguni ghaliex dan ma jistax isir fil-kors tal-kawza. L-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Bugeja vs Azzopardi" deciza fl-01 ta' Marzu, 1900 (Kollez. Vol. XVII .111 .68), qalet li, *"E` ormai stabilita che chi rilascia un foglio sottoscritto in bianco si presume dare a colui che lo riceve la facolta` di riempirlo"*. M'hemmx kwistjoni li din il-kambjala giet iffirmata mill-konvenuti u moghtija lill-atturi biex jimlewha. Dawn hekk ghamlu: il-fatt li ghamlu dan fil-kors tal-kawza, jista jkollu rilevanza fuq l-ispejjez tal-kawza, izda ma jolqotx il-validita` ta' dak li sehh. L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Sammut vs Agius", deciza fit-23 ta' Gunju, 1997, qalet li ma hemm ebda regola li tistabilixxi min ghandu jiffirma l-ewwel il-kambjala; l-importanti hu li jkun hemm il-firem tat-traent u tal-accettant. Dak li issa hemm fuq il-kambjala in kwistjoni.

Apparti dan, din il-Qorti bir-rispett lejn minn esprima veduti kuntrarji, mhux perswaza li l-firma tal-kreditur fuq il-kambjala hi mehtiega *ad validitatem*. Il-ligi trid li l-kambjala tkun iffirmata minn min harigha, u mhux ukoll minn minn jaccettha; l-importanti hu li min ikun obbligat taht kambjala ikun iffirma l-istess bhala forma solenni li hu accetta li jhallas l-ammont indikat. Il-Professur Felice Cremona fil-kitba tieghu "Notes on Commercial Law – Part II", f'pagna 274 jghid li "The drawer of a bill of exchange must put his signature thereon in order that his intention of binding himself thereby quoad any holder of the bill may result in a formal and unequivocal manner". Hekk ukoll, l-awtur T. G. Reeday, fil-ktieb " The Law

Relating to Banking” jghid (pagna 331) li, “A bill of exchange is an unconditional order in writing, addressed by one person to another, signed by the person giving it, requiring the person to whom it is addressed to pay on demand or at a fixed or determinable future time a sum certain in money to or to the order of a specified person or to bearer”. Il-kreditur irid jaccetta dik l-obbligazzjoni, pero`, mhux mehtieg li din l-accettazzjoni jimmanifestha bl-istess formalita’ u solennita`. Il-fatt li accetta u zamm il-kambjala hija prova bizzejjed tal-accettazzjoni tieghu.

Din il-Qorti tried tirrimarka ukoll li meta kambjala tibqa fil-patrimonju tal-kredituri tal-obbligazzjoni (cioe` ma tigix girata), ma takkwistax natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok ghall-istess kambjala. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, hu biss meta l-kambjala tkun girgata li din takkwista valur “on the face of it”, u allura ikun dipendenti fuq dak li johrog u jidher mill-kambjala stess. Kambjala, kif inhu maghruf, ma tohloqx novazzjoni, meta tibqa f’idejn il-parti kontraenti ma tistax tigi distakkata mill-obbligazzjoni originali.

L-iskop ta’ kambjala hija li tista tigi girata malajr u meta tigi girata takkwista karattru awtonomu. Minghajr kambjala, kreditur jista jaghmel kuntratt ta’ cessjoni ta’ dritt taht il-ligi civili, pero`, fil-konfront tat-terz akkwirent, id-debitur xorta jkun jista jissolvela eccezzjonijiet li jolqtu n-negozju. Ghalhekk, ghall-kreditur, dan id-dritt ta’ cessjoni ma tantx hu effettiv ghax ma tantx issib nies lesti jiehdu kreditu ta’ haddiehor, u fl-istess hin jibqghu esposti ghall-kwistjonijiet inerenti ghal-obbligazzjoni li ghalih ma kienux parti. Ghalhekk inholqot il-kambjala. Peress li minn jixtri kambjala, qed jixtri titolu ta’ kreditu awtonomu, jaf li kwistjonijiet naxxenti mill-obbligazzjoni li waslet ghall-dak il-kreditu, jibqghu estranei ghalih, ghax hu, bhala terz akkwirent, jista jfittex biss fuq il-kambjala. Bejn il-partijiet, pero`, il-kambjala m’ghandiex ikollha din in-natura ghax il-kambjala tkun biss prova tad-dejn li inholoq bejn l-istess partijiet, u allura l-obbligazzjonijiet reciproci tal-istess partijiet huma rilevanti ghall-kull kawza li ssir ghall-hlas. Fi kliem iehor, azzjoni fuq kambjala bejn il-partijiet li hargu l-istess, ma tistax timxi wahedha minghajr riferenza ghall-

ftehim li wassal ghall-hrug taghha (ara "Scicluna vs Vella", Qorti tal-Kummerc, 18 ta' Marzu, 1965). Kif inghad, il-Qorti ma tistax tordna lill-B ihallas lill-A fuq kambjala, meta A ma jkunx wettaq l-obbligi tieghu li waslu ghall-hrug ta' dik il-kambjala ! (ara ukoll l-artikolu 152 (2) tal-Kodici tal-Kummerc). Il-legislatur Malti ma ghamilx il-kambjala titolu esekuttiv, specifikament biex il-kambjala, diment li tkun ghada fil-pussess tal-persuna favur min inharget, ma tigix uzata bhala magna ta' estorzzjoni, izda minn jitlob hlas fuqha ikun irid jiggustifika t-talba tieghu, ghax altrimenti tista tkun obbligazzjoni bla kawza (jekk ma jkunx wettaq id-doveri tieghu) li ma tistax tigi enforzata. Kambjala ma tohloq qatt novazzjoni tal-obbligazzjoni precedenti (ara "Portelli vs Schembri", Qorti tal-Kummerc, 1935, Vol. XXIX. III .80), u f'kazi simili l-kambjala hija intiza biss biex tiffacilita l-pagament, u mhux ghall-skop iehor – *pro solvendo* u mhux *pro soluto*.

Din id-disitinzjoni tohrog aktar cara meta wiehed jistudja l-istorja tal-kambjala. Hekk jghid P. S. Atiyah fil-ktieb tieghu "The Rise and Fall of Freedom of Contract" (Oxford University Press, 1979; page 136 et seq):

*"An assignment (of credit) was never wholly satisfactory as a method of creating credit. For the procedure of assignment did not sufficiently detach the debt from the underlying transaction, the debtor was always entitled to raise 'equities' against the assignee, that is to say the assignee might, when he came to enforce his claim, find that he was met by counter claims arising out of the original transaction of which he had no knowledge. This is no way to establish and maintain confidence in credit, for the proper credit system requires that the transferee should be assured of ultimate payment. This rule was not very satisfactory for the transferor either, for it meant that when the 'paid' a debt by transferring a credit due to him from a third party, he did not absolutely discharge the liability. If it turned out that the third party ultimately refused to a pay ( or perhaps even if he simply failed to pay) the transferor might find that the was still liable.*

*This weaknesses and deficiencies in the law* *relating to the transferability of debts* *were largely met by a new process. Instead of openly modifying the common law rules, the Judges attained their objective by 'incorporating' the law merchant into common law. Mercantile practice had already conferred the characteristic of transferability and even negotiability (that is transferability free from counter claims, or 'equities') on various types of commercial document, the ancestors of the bill of exchange and the promissory note. In the fifteenth and sixteenth centuries some of these commercial customs had been enforced as 'law merchant' in special Courts like the Staple Courts and the Admirality Courts. But these Courts had decayed by the seventeenth century, and it was then that merchants began to complain loudly about the non-transferability of debts at common law. In the seventeenth century the common law Judges began to say that the law merchant was 'part of' the common law. This move (often wrongly attributed to Mansfield) meant that the law merchant ceased to be a law applicable only between merchants, or only applicable in particular places, or particular trades; it became part of the general law of the land governing all persons and transactions. Full negotiability of bills of exchange was established in the common law courts by a series of decisions, mostly of Holt C. J. in the last years of the seventeenth and the first years of the eighteenth century. The result was to create a kind of liability so easily enforced by the law that, as Adam Smith observed, 'money is more readily advanced upon [bills of exchange] than upon any other species of obligation' ".*

Minn dan jidher car li biss ghall-kaz li kambjala tigi girata li l-Qrati bdew jaccettaw "to detach the debt from the underlying transaction". In-"negotiability" ta' kambjala giet introdotta biex jigi salvagwardat it-*transferee* u QATT ma kien il-hsieb li l-kambjala issiervi bhala mezz awtonomu ta' pagament, anke meta tkun ghada fil-pussess tal-kontraenti originali.

L-artikoli fil-Kodici tal-Kummerc, art. 197 et seq, li jaghmlu riferenza ghall-eccezzjonijiet sollevabbli, ighoddu ghall-

*actio cambiaria,* i.e., meta l-azzjoni hija esecitata kontra t-traent minn pussessur tal-kambjala li jkun ircevieha minghand giranti, kif jixhdu il-kliem ta' l-artikolu 197: "l-eccezzjonijiet li huma personali ghall-*giranti* ma jistghux jinghataw kontra l-*pussessur tal-kambjala*". Fi kliem iehor, jekk kambjala tkun girata mill-ewwel beneficjarju (payee) li hekk isir giranti, favur terz pussessur, u dan it-terz pussessur jiftah azzjoni kambjarja kontra t-traent, it-traent-konvenut ma jistax jaghti kontra l-pussessur-attur eccezzjonijiet li huma personali ghall-giranti. Ir-raguni hi ovvja: bejn it-traent u l-pussessur ma hemmx relazzjoni kuntrattwali, izda biss relazzjoni kambjarja.

Dan ifisser, *contrario sensu*, li eccezzjonijiet personali ghall-pussessur (u mhux personali ghall-giranti biss) jistghu jinghataw. Fi kliem iehor, jekk il-kambjala ma tkunx girata (u ghalhekk tkun ghada fil-fazi kuntrattwali u ma tkunx dahlet fil-fazi kambjarja) it-traent-konvenut jista` jaghti kontra l-beneficjarju-attur eccezzjonijiet personali ghalih.

Dan il-punt huwa mfisser ahjar f'sentenzi moghtija mill-Qrati Taljani:

*"Le cambiale e` un titolo di credito astratto dal rapporto fondamentali, il quale non puo` essere opposto al terzo possessore di buona fede: tale obbligazzjione astratta, che si colega al principio dell' autonomia del diritto del credito cambiario, e` tale quando si considera nella sua circolazione, cioe`, quando congiunge due persone che non hanno contratto fra loro e si trovano l' una di fronte all' altra per la sola forza del titolo" - app.. Bari, 05 gennaio, 1952;*

*"Il carattere formale del titolo cambiario e` destinato ad operare solo rispetto ai terzi possessori del titolo stesso e non tra le parti nei cui confronto sorse originariamente il rapporto cambiario e rispetto alle quali l'efficacia cambiaria non puo` avere valore assoluto, giacche` non puo` dissociarsi daglio accordi sostanziali che hanno determinato l' assunzione di una promessa cambiaria". - Cassazione, 12 lulgio, 1962;*

*"Le obbligazione cambiarie producono effetti diversi secondi che il debitore cambiario si trovi di fronte colui col quale ha contrattato od un terzo cui la cambiale sia pervenuta nella sua circolazione. Nel primo caso la cambiale costituisce soltanto una prova del credito, che puo` essere eliminata o ridotta secondo la realta' dei rapporti guiridici esistenti fra le parti. Nel secondo caso, l-obbligazione cambiaria ha carattere formale ed astratto" - App. Roma, 24 maggio, 1956;*

*"Il carattere di titolo formale ed astratto della cambiale spiega tutta la sua efficacia solo nei confronti dei terzi possessori, e non gia fra i soggetti originali del rapporto cambiario" – App. Napoli, 22 ottobre, 1960.*

Din id-distinzjoni hija segwita anke f'xi sentenzi tal-Qrati Maltin. F'sentenza moghtija fit-13 ta' Lulju, 1990, "Muscat vs Micallef", il-Qorti tal-Kummerc osservat li l-pattijiet inkorporati fil-ftehim bejn il-partijiet jibqghu jolqtu l-kambjala sakemm din ghadha ma gietx girata:

"Huwa veru li in principju l-kambjala tassumi karattru u negozju guridiku indipendenti mill-obbligazzjoni originali li tkun tat lok ghall-hrug taghha. Pero`, f'dan il-kaz, l-istess kambjala kienet parti integrali mill-ftehim kollu".

Il-principju li l-awtonomija tat-titolu kambjarju tghodd biss favur terz pussessur kien stabilit mill-Qorti tal-Kummerc f'sentenza fl-ismijiet "Tabone vs Camilleri" mogthija fis-27 ta' Frar, 1939 (Kollez. Vol. XXX. III. 429): *"Suppost il-kambjala kienet girata certament il-giratarju kien ikollu dritt li jagixxi kontra l-konvenut skond il-kambjali kemm-il darba huwa kien in buona fede, cioe`, ma kienx jaf bid-dilazzjoni akkordata, salvi d-drittijiet tal-konvenut ghad-danni kontra t-traent ".*

Din hi l-posizzjoni li hadet ukoll l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Azzopardi vs Camilleri" deciza fit-02 ta' Awissu, 1994. Dik l-Onorabbli Qorti qalet li l-Qrati taghna kienu isegwu wahda lill-ohra u jirreferu ghall-parti biss minn brann minn-Noti tal-Professur Cremona; kwotazzjoni

shieha minn-Noti tal-Professur Cremona, min-naha l-ohra, turi bic-car li huwa biss f'kaz li l-kambjala tigi girata li din takkwista l-karattru awtonomu taghha, mentri fil-konfront tal-accettant l-eccezzjonijiet li jolqtu l-meritu tal-obligazzjoni ghandhom jgu investigati. Din il-posizzjoni, li l-Onorabbli Qorti tal-Appell hadet wara ezami fil-fond tan-natura ta' kambjala, tirrifletti l-vera natura tal-kambjala, ghax tipprovdi ghall-awtonomija taghha meta tigi girata, izda fl-istess hin tipprotegi l-posizzjoni tal-partijiet li holqu n-negozju.

Din id-distinzjoni jaghmilha cara ukoll il-Vivante ("Diritto di Commercio", Vol. III para. 966) meta jghid:

*"Quando il debitore si trova di fronte al suo immediate prenditore egli puo difendersi con tutte le eccezione che derivano dal rapporto corso fra loro. Se vi fu una donazione, potra` revocarla per tutte le cause di revocazione date dal Codice; se vi fu contratto, potra` impugnare la validita` o l' esecusione con tutte le eccezioni che sono date dalla sua disciplina".*

Hekk ukoll it-Torrente ("Manuele di Diritto Privato", 8va Edizione; p. 611), jghid:

*"Se il pagamento mi viene chiesto non dal terzo (che si presenta un caso per tutto diverso) ma dall' altro soggetto del rapporto sottostante, allora io posso bene oppore le eccezione nascenti da questo (ultimo) rapporto: la legge non ha spinta a tal punto l'astrattezza fino a costringermi a pagare e poi a promuovere l'azione d'indebito contro il creditore. La astrettezza funzione cioe`, soltanti nei confronti del terzi".*

Dabra l-kambjala, f'dan l-istadju m'ghandhiex natura awtonoma, hija qed isservi biss bhala prova tal-obbligazzjoni jew bhala mezz ahjar biex jintwera d-dejn u bhala "skrittura" ta' obbligazzjoni mhux mehtieg *ad validitatem* li tkun iffirmata mill-kreditur. Dan johrog minn dak li qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Brincat vs Falzon" deciza fis-17 ta' Gunju, 1991, fejn intqal li garanzija bankarja iffirmata biss mid-debitur hi valida.

Dan il-principju kien gie enuncjat aktar qabel mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell f'sentenza li tat fit-18 ta' Gunju, 1938, fil-kawza fl-simijiet "Buttigieg vs Ellul" (Kollez. Vol. XXX. I. 943). F'din il-kawza intqal li f'kaz li ssir skrittura u wahda mill-partijiet ma tiffirmahiex, il-fatt li l-parti li ma tkun iffirmatha tkun zammet l-iskrittura u mbaghad tipproducieha fil-kawza bhala prova, jista' jikwivali ghall-firma.

Ovvjament, meta jsehh dan, il-konvenut debitur ikun jista' jissolleva kwalunkwe eccezzjoni li tolqot l- "underlying obligations" u, fil-fatt, anke f'dan il-kaz gew prodotti u instemghu provi li jmorru lill' hin minn dak li jista' jirrizulta mill-kambjala innifsha.

Din il-Qorti trid ukoll, f'dan l-istajdu, tiddikjara li hi taqbel mad-duttrina *'per equipollens'* adottata mill-Qrati taghna, fis-sens li anke jekk il-kambjala tkun nulla bhala kambjala jew bhala skrittura, xorta tista' tghaddi biex tezamina l-kreditu pretiz mill-kreditur a bazi tal-provi, u f'dan l-analizi, kwalunkwe dokument iffirmat mill-allegat debitur –avolja nulla bhala "skrittura" formali – tista' tittiehed bhala prova kontra tieghu (ara applikazzjoni ta' dan il-principju fil-kawza "Desira vs Micallef" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-09 ta' Mejju, 1984). Din id-duttrina *'per equipollens'* giet adottata mill-Qrati taghna f'diversi sentenzi, fosthom "Calleja vs Herrera noe", deciza minn din il-Qorti fil-05 ta' Ottubru, 1992.

Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti issa sejra tghaddi biex tezamina l-meritu tal-kawza, u mill-bidu din il-Qorti tghid li l-atturi rnexxielhom jippruvaw l-allegat dejn ta' LM 70,000 u sta ghall-konvenuti biex, issa, jippruvaw l-allegazzjonijiet taghhom li dan id-dejn fih element ta' uzura u li, f'kull kaz, kull somma mislufa giet mhallsa lura. Mill-provi jirrizulta li l-attur kien silef flus lill-konvenut fi tlett okkazzjonijiet: l-ewwel silfu LM 56,000 li thallsu lura fis-16 ta' Dicembru, 1994; wara silfu LM 62,500 li ghadhom ma thallsux u fl-ahhar silfu LM 58,000 ohra flimkien ma Charles Fenech u li thallsu lura ukoll. It-tieni self kellu jkun kopert b'kuntratt li kellu jigi ffirmat quddiem in-Nutar Pierre Cassar. Dan il-kuntratt, pero`, ma giex iffirmat peress li l-konvenut ma

kienx attenda b'martu u n-Nutar ma riedx jirredigi kuntratt fuq obbligazzjoni ta' somma hekk kbira minghajr ma tkun presenti l-koppja Pace. Peress li l-flus kienu gia mghoddija mill-attur ghal ghand il-konvenut, ta' l-ewwel ried li tigi, tal-anqas, iffirmata kambjala mill-konvenut, b'obbligu li dan jakkwista l-firma ta' martu fuq l-istess kambjala, kif fil-fatt ghamel. Il-kambjala giet iffirmata ghas-somma ta' LM 70,000 wara li l-partijiet hadu in konsiderazzjoni l-imghax ta' 8% fuq il-kapital ghal sena u nofs, iz-zmien li inghata lill-konvenut biex jirristitwixxi s-self.

Din il-versjoni ta' kif sehhew l-affarjiet giet ikkonfermata minn Nutar Pierre Cassar u ghalkemm il-konvenut jaghti versjoni differenti, din il-Qorti tqies li l-konvenut mhux kredibbli. Kif osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-26 ta' Frar, 1999, ix-xhieda tal-konvenut ma hijiex konvincenti u fiha diversi kontradizzjonijiet. Din il-Qorti ma jidhirliex li giet ippruvata l-uzura jew li l-iskrittura / kambjala ghall-LM 70,000 giet minnu iffirmata taht pressjoni ta' vjolenza. Il-konvenut ma ha ebda passi, la civili u lanqas kriminali, biex isostni din l-allegazzjoni tieghu u qaghad jistenna li jigi mfittex ghal-hlas biex ghall-ewwel darba, jissoleva din id-difiza li, kif inghad, mhux sostnuta mill-provi.

Il-konvenut eccepixxa ukoll il-pagament, allegazzjoni li, skond id-duttrina lokali, trid tigi ppruvata mill-konvenut li jallega - ara "Azzopardi vs Cutajar" deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Gunju, 1982, u "Satariano vs Saliba" deciza ukoll minn din il-Qorti fl-01 ta' Ottubru, 1982, fost ohrajn. Fil-fehma tal-Qorti, l-konvenuti ma rnexxilhomx jissodisfaw dan l-obbligu impost fuqhom. Il-konvenut jghid li s-self ta' LM 70,000 ma jezisthiex, ghax hu kien hallas kollox, imma l-attur ried aktar imghax. Fil-fatt, pero`, anke x-xhud Anthony Pace, prodott mill-konvenut, jghid li l-partijiet kienu ltaqghu quddiemu fuq dan is- "self" partikolari, u ghalkemm f'dik il-laqgha il-konvenut ikkontesta l-ammont, fl-ebda stadju ma gie rapportat li qal li hu ma riedx ihallas ghax is-somma mitluba kienet tirrapresenta imghax ulterjuri. Dik il-laqgha tikkonferma wkoll li, sa dakinhar, is-somma mitluba ma kienetx giet mhallsa.

Inoltre, ghalkemm il-konvenut jghid li hu hallas kull dejn u qatt ma accetta li jhallas LM 70,000, fil-fatt il-konvenut hareg cekkijiet ghall-ammont ta' LM 70,000, liema cekkijiet ma gewx imsarfa ghax, jew gew "referred to drawer", jew il-kont relattiv inghalaq mill-konvenut. Fin-nuqqas ta' ricevuta jew prova ohra li tindika pagament, din il-Qorti ma tarax li l-allegazzjonijiet tal-konvenut waslu biex ixxejjnu il-provi li ressqu l-atturi, abbinati mad-dokumentazzjoni, riudimentari kemm huma, li jikkonfermaw l-esistenza tal-kreditu mitlub.

Dwar l-imghax, jinghad li s-somma ta' LM 70,000 diga tikkomprendi l-imghax, izda ma jirrizultax li saret ittra ufficjali da parti ta' l-attur biex jitolbu l-hlas u l-imghax fuq l-imghax kapitallizat fil-kambjala. Ma jirrizultax lanqas li d-dejn kien wiehed kummercjali, u kwindi lanqas ma jista jinghad li l-imghax jiddikorri *ipso jure*. Kwindi, l-imghax ulterjuri ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-presentata ta' din ic-citazzjoni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tiddisponi minn din il-kawza, billi previa li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, u previa li tichad l-ewwel talba peress li l-konvenuti nghataw id-dritt li jikkontestaw din il-kawza, tghaddi biex tilqa t-tieni talba tal-atturi u tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* jhallsu lill atturi s-somma ta' LM 70,000 (sebghin elf Liri Maltin), bl-imghax legali fuq din is-somma mill-04 ta' Dicembru, 1996, sal-pagament effettiv.

L-ispejjes tal-kawza, stante li l-komplessita tal-kwistjoni li holoq, tista tghid, l-attur, u hlief ghal dawk gia decizi li ghandhom jithallsu kif deciz, jithallsu mill-konvenuti, hlief ghad-dritt tal-avukat u tal-prokuratur legali tal-atturi ghal din is-sentenza li ghandhom jithallsu nofs kull wiehed bejn l-atturi u l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------